MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 40/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**Felix Schembri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Felix Schembri ta’ 42 sena bin Gaetano u Lucy nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ fis-16 t’April, 1968 u residenti Flat 2, Highland Park Flats, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 192168(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-18 ta’ Frar 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar

f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggett cioe mobile phone tal-marka Apple kien gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 ewro.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' April 2011 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-31 ta' Mejju 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ikkunsidrat il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura lill-vittma kif ukoll ikkunsidrat l-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'

Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------